MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tal-21 ta' Frar, 2012

Numru. 120/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Victor Bugeja**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni kontra 'l hawn fuq imsemmi Victor Bugeja, bin Joseph u Angela neé Enriquez, imwieled fil-15 ta' Settembru 1961 u residenti fil-fond Blk Bieb B, Flat 3, Triq tac-Cawla, Rabat, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' numru 41861(G) li gie akkuzat talli nhar is-27 ta'

Ottubru 2011 ghal habta ta’ 09:00hrs fir-residenza tieghu fir-Rabat, Ghawdex;

1. Insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b’mod iehor lil martu Rose Bugeja.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija tapplika l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet lill-imputat jammetti l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant din l-imputazzjoni giet sodisfacentement pruvata.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat Artikolu 339(1)(e) tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ammenda ta’ hamsa u ghoxrin (€25.00).

Inoltre, il-Qorti b’applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta’ Malta, torbot lill-hati b’garanzija personali ta’ hames mitt ewro (€ 500.00) ghal zmien sena mil-lum sabiex bl-ebda mod ma jkellem jew jimmolesta lil Rose Bugeja, Edmond Bugeja, Josmar Bugeja u Chantelle Marie Bugeja.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------